**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 273/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Shana Marie Mifsud**

Illum, 28 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Shana Marie Mifsud, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0159498M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Settembru 2020, għall-ħabta tal-17:00 hrs ġewwa Fort Cambridge East 5, Triq ix-Xatt ta' Tigne, Sliema, kif ukoll ġewwa dawn il-gzejjer:

i) Bħala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' perikolu għan-nies, ħalliet lil imsemmi kelb jiġġerra fit-triq u naqset li żżommu taħt il-kontroll tagħha;
ii) B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunat ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Irina Gennadievna Krylova.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 14(1)(4) tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkonkludiet li filwaqt li l-ewwel akkuża ma rriżultatx u lliberatha minnha, sabet lill-imputata

Shana Marie Mifsud ħatja tat-tieni mputazzjoni u kkundannat lill-istess imputata sabiex tħallas ammenda ta' erbgħin Ewro (€40).

Rat ir-rikors tal-appellanti Shana Marie Mifsud, ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2021, fejn talbet lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn illiberat lill-appellanti mill-ewwel akkuża u tirrevokaha fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni akkuża u tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti tivventila ħames aggravji fl-appell minnha ntentat u ċioe'illi:

i) Ma setatx tirriżulta l-ħtija għat-tieni imputazzjoni stante li ma ġietx ppreżentata l-kwerela kif inhu tassativament rikjest fl-Artikolu 226(2) tal-Kap. 9;
ii) It-tieni akkuza ma tirriżultax ppruvata u għalhekk ma setatx tinstab ħtija fir-rigward;
iii) Lanqas ma setgħat tirriżulta l-htija għat-tieni imputazzjoni ġaladarba l-appellanti ġiet illiberatha mill-ewwel imputazzjoni;
iv) L-azzjoni kriminali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni hija preskritta;
v) Il-piena li ġiet imposta mhijiex waħda skont il-liġi.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel ma tinoltra ruħha fl-eżami tal-aggravji marbuta mal-apprezzament tal-provi u li jikkonċernaw l-applikazzjoni tad-dritt penali fir-rigward, il-Qorti ser tqies ir-raba' aggravju imqanqal mill-appellanti billi dan jikkonċerna l-preskrizzjoni tal-azzjoni

penali. Illi l-appellanti ġiet misjuba ħatja mill-Ewwel Qorti tar-reat tal-offiża nvolontarja u ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-parti offiża. Hija tikkontendi li l-azzjoni penali marbuta ma' din l-imputazzjoni hija perenta bid-dekors tal-perijodu preskrittiv ta' tlett xhur.

Illi, bla tlaqliq, din il-Qorti tgħid li l-appellanti m'għandix raġun fl-argument tagħha. Ir-reat li tiegħu hija ġiet misjuba ħatja huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, liema reat huwa punibbli bil-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet, iżda dan ir-reat għandu jitqies bħala delitt u mhux reat kontravvenzjonali. Isegwi għalhekk illi l-azzjoni kriminali għal dan ir-reat taqa' bid-dekors tal-perijodu ta' sentejn kif ravviżat fl-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, u mhux bid-dekors ta' tlett xhur kif tikkontendi l-appellanti.

Illi, eżaminati l-Atti Proċesswali, jirriżulta illi l-akkuża tirrisali għall-10 ta' Settembru 2020. Dan ifisser li l-perijodu preskrittiv jiddekorri fl-10 ta' Settembru 2022. Illi ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fid-07 ta' Jannar 2021, bl-appellanti tressaq talba għal differiment għas-seduta skedata quddiem l-Ewwel Qorti tad-19 ta' Mejju 2021 u tidher finalment sabiex twieġeb għall-imputazzjonijiet lilha addebitati quddiem il-Qorti fis-27 ta' Lulju 2021. Dan ifisser illi l-azzjoni penali ġiet eżerċitata fiż-żmien mogħti fil-liġi u ma hijiex preskritta.

Għal dawn il-motivi, ir-raba' aggravju tal-appellanti qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-aggravju dwar il-preskrizzjoni, jifdal beix jiġu kkunsidrati l-aggravji rimanenti imressqa mill-appellanti, bl-ewwel ilment tagħha jkun l-improponibbilita' tal-azzjoni stante li ma ġietx ippreżentata l-kwerela kif inhu tassativament rikjest fl-Artikolu 226(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjoni tal-liġi tipprovdi illi "*fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(ċ), il-proċediment jista' jittieħed biss fuq kwerela tal-parti offiza*".

Illi l-Artikoli 536 *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu, ifissru l-mezzi kif għandha ssir il-kwerela, li tista' tkun waħda kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Infatti, huwa

stipulat li f'każijiet li ma jkunux iridu dewmien, bħal fil-kawżi sommarji, kwerela li ssir bil-fomm tista' lanqas biss titniżżel fil-forma miktuba. Dan huwa propju dak li ġara fil-kaz odjern. *Di fatti*, mill-affidavit ta' PS 1390 Antoine Muscat[1] jirriżulta illi nhar il-11 ta' Settembru 2020, il-kwerelanti Irina Gennadievna Krylova rrapurtat l-Għassa ta' Tas-Sliema illi kelb gidmilha saqajha waqt li kienet ħierġa mill-blokk ta'l-appartamenti fejn tirrisjedi u indikat lil pulizija illi l-kelb kien jappartjeni lill-appellanti. *In oltre*, mill-Atti Proċesswali, ma jirriżultax illi d-difiza talbet sabiex jittella' jixhed PS 1390, bil-jedd lilha mogħti fl-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, u għaldaqstant l-affidavit ppreżentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa kkunsidrat ammissibbli bħala prova tal-kontenut tiegħu bl-istess mod daqs li kieku huwa xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk jirriżulta ċar li, f'dan il-każ, il-kwerela bil-fomm saret mill-parti offiża skont il-liġi, għal kuntrarju ta' dak li qed tallega l-appellanti.

Għal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju minnha ntentat, l-appellanti tisħaq li t-tieni akkuża dedotta kontriha ma ġietx ppruvata u dan meta fil-fehma tagħha sar apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti.

Illi, l-appellanti telenka numru ta' diskrepanzi fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni u dan meta:

i) Il-kwerelanti xehdet li d-data tal-inċident kienet id-9 ta' Settembru 2020 meta filfatt l-inċident seħħ nhar l-10 ta' Settembru 2020.
ii) Il-kwerelanti ma għarfitx lill-imputata fl-awla.
iii) Il-kwerelanti ma spjegatx il-post fejn ġara l-inċident.
iv) Iċ-ċertifikat mediku tat-tabib, eżebit in atti, fir-rigward tal-ġrieħi sofferti mill-parti offiża qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament.

[1] A folio 6 tal-Atti Proċesswali.

v) Il-kwerelanti rrapurtat l-inċident lill-Pulizija l-għada.

vi) Iċ-ċertifikat mediku wkoll iġib id-data ta'l-għada tal-inċident.

vii) Ma tirriżulta ebda kondotta negliġenti da parti ta'l-appellanti.

Illi, ezaminati l-Atti Proċesswali, din il-Qorti hija tal-fehma li, l-appellanti għandha raġun fuq ċerti lanjanzi minnha vventilati, u m'għandiex raġun fuq oħrajn. *In primis*, mhuwiex minnu li l-kwerelanti m'għarfitx lill-appellanti fl-awla. Huwa minnu li ma kinitx taf x'jisimha eżatt pero' għarfitha hekk kif anke ssenjalat l-Ewwel Qorti bil-kliem "*Okay, the witness is recognising the accused in Court*". Ukoll, din il-Qorti ma taqbilx li l-post fejn seħħ l-inċident *de quo* ma ġiex identifikat – iċ-ċitazzjoni jindika bħala il-lok fejn allegatament seħħ ir-reat bħala "*Ford Cambridge East 5, Triq ix-Xatt ta' Tigne', Sliema, kif ukoll ġewwa dawn il-gzejjer*" filwaqt li fix-xhieda tagħha, il-kwerelanti tixhed u tgħid li l-inċident seħħ fil-partijiet komuni tal-blokka fejn igħixu kemm hi kif ukoll l-appellanti. Kwindi din il-lanjanza ukoll hija bla bażi.

Illi, minn naħa l-oħra huwa minnu li l-kwerelanti ma kinitx kapaċi tindika d-data tal-inċident bħala dik indikata fiċ-ċitazzjoni. Meta mistoqsija meta ġara l-inċident, hija twieġeb "*9 September it was*" u aktar 'il quddiem fix-xiehda tagħha ttenni "*9 of September or something like that, yes*". Din il-Qorti tosserva ukoll li ma nġabet l-ebda prova li turi meta effettivament seħħ l-inċident in kwistjoni, għaliex minbarra dak li xehdet il-vittma *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, kemm ir-rapport tal-Pulizija kif ukoll iċ-ċertifikat mediku saru fil-11 ta' Settembru 2020. Ukoll mir-rapport tal-Pulizija jidher illi l-kwerelanti kienet irrappurtat illi l-inċident seħħ fl-10 ta' Settembru 2020 għal ħabta tas-17:00 u mhux fid-09 ta' Settembru kif tikkontendi fix-xiehda tagħha.

Illi, l-appellanti tinsab mixlija bir-reat tal-offiża involontarja fuq il-persuna tal-parti offiża u li allura dik l-offiża seħħet fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni u mhux f'xi ġurnata oħra. Illi anke fir-rigward tal-prova li saret permezz taċ-ċertifikat mediku, dan qatt ma ġie kkonfermat bil-ġurament mit-tabib li rrilaxxjah[2] u għalhekk lanqas ma seta' jiġi stabbilit in-ness bejn il-ferita li ġiet iċċertifikata fil-jum tal-11 ta' Settembru 2020 u l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, anke jekk *gratia argomenti* dan seta' seħħ fid-09 ta' Settembru 2020 kif tikkontendi il-parti offiża fix-xiehda tagħha. *Di piu'* il-parti

[2] Ara artikolu 646(7) Kodiċi Kriminali

offiża stess fix-xiehda tagħha ma tispjegax in-natura tal-grieħi minnha sofferti għalkemm tallega illi hija kellha tieħu xi medikazzjoni u titqib, u għalkemm tikkontendi illi kellha filmat ta'l-inċident u dokumentazzjoni in sostenn tax-xiehda tagħha, dan il-filmat u dawn id-dokumenti madanakollu qatt ma jiġu eżebiti mil-Prosekuzzjoni.

Illi, dawn id-dubbji għalhekk ċertament jimmilitaw favur l-appellanti u dan meta ma tistax tiġi stabbilita d-data eżatta meta seħħ l-allegat aġir inkriminatorju u wkoll meta ma hemmx prova dwar in-natura tal-ġrieħi allegatament sofferti mill-kwerelanti u jekk dawn għandhomx ness mal-inċident mertu tal-każ.

Illi l-appellanti ġiet misjuba ħatja tat-tieni imputazzjoni u ċioe' li l-aġir tagħha kien imprudenti, negliġenti u kien jammonta għal nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti u dan meta naqqset milli żżomm il-kelb taħt kontroll bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 14 tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti għalhekk hija kemmxejn perplessa kif l-appellanti ġiet illiberata mill-ewwel imputazzjoni, iżda misjuba ħatja tat-tieni imputazzjoni ġaladarba, l-Ewwel Qorti dehrilha li ma kienx hemm dik il-kondotta neġligenti li dwarha hija ġiet mixlija. Illi għalkemm ir-reat maħsub fil-Kapitolu 312 huwa reat indipendenti minn dak imfassal fl-artikolu 225 u 226 tal-Kodiċi Kriminali madanakollu sabiex ikun hemm il-ħtija għat-tieni imputazzjoni, neċessarjament irid jirriżulta dak il-komportament li jinsab in vjolazzjoni tar-regolamenti li allura jammonta għal imprudenza u/jew negliġenza li titkellem dwarha il-liġi u dan sabiex b'hekk jirriżulta in-ness bejn il-ħsara kkaġjonata u l-event dannuż. Issa minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi għalkemm l-Ewwel Qorti jidher illi lliberat lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni għaliex kienet tal-fehma illi mill-provi prodotti hija ma kenitx ħalliet lil kelb jiġġerra barra fit-triq, u dan għaliex l-allegat reat seħħ fil-partijiet komuni ta' blokk ta' appartamenti, madanakollu r-reat maħsub fl-artikolu 14 tal-Kapitolu 312 tal-Liġijiet ta' Malta iqies bħala reat in-nuqqas ta' sid ta' kelb, li jkun ta' periklu għan-nies, milli jżomm l-istess kelb taħt il-kontroll tiegħu, li ifisser allura illi l-agir inkriminatorju jseħħ mhux biss meta il-kelb jitħalla jiġġerra fit-triq. Fil-fatt l-appellanti hija mixlija ukoll li naqqset milli żżomm il-kelb tagħha taħt kontroll, u allegatament minħabba f'dan l-aġir l-kelb ikkawża ħsara lil terza persuna. Dan ifisser

allura illi ġaldarba l-Ewwel Qorti wasslet biex tillibera lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni, kienet tonqos il-ħtija ukoll għat-tieni imputazzjoni billi ma rriżultalhiex dik il-kondotta negliġenti mfissra fil-liġi li wasslet għall-event dannuż.

Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda talba għal reviżjoni tad-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward u kwindi din il-Qorti issa hija marbuta ma' dak hemmhekk deċiż u hija imsejħa biex tissindika biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġiet misjuba ħatja tat-tieni imputazzjoni, u allura għall-Ewwel Qorti kellhom jirriżultaw l-elementi tal-'*culpa*' li jwasslu għar-reita':

> **Tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa, jibqa' dejjem illi l-elementi taghha huma l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att, u l-possibbilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux ikunu prevedibbli hlief b'diligenza straordinarja, li l-ligi ma tezigix, u li se maj tista' ggib kolpa ljevissima, la ma hix inkriminabbli, ma hemmx htija. Il-kolpa tista' tikkonsisti anki f'imprudenza; b'mod illi min jikkommetti att imprudenti avvolja huwa ma riedx jaghmel hag'ohra hlief dak l-att, u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa' fi htija ghax seta' jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkustanzi partikulari ta' kull kaz, li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena[3].**

Issa mill-provi akkwiziti, jirriżulta illi l-kelb tal-appellanti kien qiegħed minnha imrażżan permezz ta' ċinga. Illi skont il-verżjoni mogħtija mill-parti offiża li tirriżulta unikament mir-rapport li sar lil pulizija, billi fix-xiehda tagħha hija ma tispjegax il-mod kif seħħ l-inċident, il-kelb gidimha hekk kif hi avviċinatu. Illi fl-uniku verzjoni moghtija mill-appellanti meta ġiet mitkelma mill-pulizija jirriżulta illi l-appellanti resqet lejn il-kelb biex tifraħ bih meta dan gidimha. Minn dawn ir-riżultanzi proċesswali allura huwa evidenti illi għall-appellanti ma setax kien prevedibbli illi l-kelb kien ser jikkaġuna xi hsara lill-parti offiża u dan għaliex fl-ewwel lok huwa kien minnha imrażżan u wkoll għaliex fl-ebda ħin ma ppermettiet li l-kelb ikun ta' periklu għal terzi persuni jew ippermettietu javviċina lill-parti offiża. Lanqas ma hemm l-iċken prova in atti illi l-kelb kien perikoluż jew aggressiv min-natura tiegħu u li allura għall-appellanti seta' kien prevedibbli dak li kien ser iseħħ. Illi allura għal dawn il-motivi kollha l-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ġaldarba illiberat lill-appellanti

[3] Il-Pulizija vs John Vella 15/02/1958

mill-ewwel imputazzjoni, ma setatx imbagħad issib ħtija għat-tieni imputazzjoni billi ma ġiex ippruvat illi l-komportament ta'l-appellanti kien wiehed imprudenti, negliġenti jew li naqas milli jobdi xi regolamenti jew liġi.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

i) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellanti mill-ewwel imputazzjoni, u**

ii) **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni mputazzjoni u minflok tilliberaha mill-istess.**

**Konsewgentement tillibera għalhekk lill-appellanti minn kull imputazzjoni u ħtija.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**